# IL-QANFUD

Għalkemm fil-passat kienu jaħsbu li hawn Malta jinstabu żewġ speċi ta' qanfud, illum huwa aċċettat li l-uniku qanfud li jinstab f'pajjiżna huwa l-*Erinaceus algirus*.

Ċertament illi l-aktar karatteristika notevoli tal-qanfud hija l-kisja ta' xagħar iniqqes kull waħda ħoxna xi millimetru u twila xi 25mm. Geddum ippuntat, widnejn zgħar u tondi, b'rasu ġo għonqu, il-qanfud huwa pjuttost imbaċċaċ u twil madwar 225 sa 275mm, b'denb żgħir 20-25mm. Il-kulur tal-qanfud ivarja minn griż ċar sa griż skur. Hawn Malta jinstabu żewġ varjetajiet ta' qanfud: wieħed li għandu x-xagħar bajdani u l-ieħor li għandu x-xagħar b'faxx skur fin-nofs ta' kull xagħra.

Il-qanfud jippreferi ambjent bi ftit siġar u pjanti, iżda jfittex postijiet niexfa. Il-bejta tiegħu jagħmilha minn ħaxix u weraq, moħbija u mgħottija sewwa. Għalkemm il-qanfud hawn Malta mhuwiex studjat sewwa, qniefed ta' l-istess speċi li jinstabu fl-Ewropa jkollhom botom ta' minn 2 sa 7 bejn Gunju u Settembru. Matul il-ġurnata l-qanfud jirtira fil-moħba tiegħu taħt il-ħaxix u xi mindaqqiet anke f'ħofra mhux fonda fil-ħamrija ratba, iżda dlonk joħroġ iħuf u jfittex l-insetti, ħniex, bebbux u bugħarwien hekk ma' l-għabex. Kif il-ġranet kesħin jibdew jinħassu, il-qanfud isib post kenni u hemmhekk jirtira u jorqod għal perjodi twal, iżda il-qanfud ma jorqodx tul ix-xitwa kollha kif jagħmel l-*Erinaceus europaeus*, li jinstab fl-Ewropa.




*Il-marki tal-passi li jhalli l-qanfud.*

Minbarra hawn Malta l-qanfud jinstab ukoll fil-majjistral ta' l-Afrika u fin-naħa ta' nofs in-nhar ta' l-Ewropa bħal fil-Ibiċ tal-kosta ta' Franza u man-nofs in-nhar tal-kosta ta' Spanja kif ukoll fil-Gżejjer Baleariċi.

Għalkemm ħafna semgħu bil-qanfud, ftit huma dawk li rnexxielhom jaraw dan il-mammiferu ħaj fl-ambjent naturali tiegħu. Sfortunatament id-dehra ta' bosta qniefed mgħaffġa fit-toroq hija aktar komuni mill-qniefed jiġġerrew ħajjin. Kif għedna, il-qanfud joħroġ bil-lejl u peress illi llum it-toroq iwasslu sa l-aktar rokna mbiegħda fil-kampanja, ta' spiss il-qanfud isib ruħu f'dawn it-toroq. Meta l-qanfud iħoss il-periklu jingħalaq f'ballun u hekk jagħmel meta jilmaħ id-dawl tal-karozzi resqin viċin: huwa jdaħħal rasu bejn saqajh ta' quddiem u jtella' saqajh ta' wara b'tali mod li jgħattulu mnieħru u għajnejh. Bosta drabi jispiċċa mgħaffeġ, kif wieħed jista' jara bosta qniefed mgħaffġa fit-toroq. Ċertament illi diversi drabi il-qanfud jitgħaffeġ bi żball, iżda dan ma jistax jingħad għall-każi kollha. Il-karozzi fit-toroq huma l-akbar egħdewwa tal-qanfud u għalhekk is-Soċjeta għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura (SSCN) tappella lis-sewwieqa kollha għall-aktar attenzjoni meta jsuqu bil-lejl speċjalment fit-toroq li huma viċin il-kampanja.

L-osservazzjoni tal-ħlejjaq fl-ambjent naturali hija ħaġa ferm ġdid hawn Malta u t-tendenza li wieħed jieħu lejn id-dar kull ma jara sabiħ u stramb għada jkollha effetti negattivi ferm fuq il-ħlejjaq li jinstabu f'pajjiżna. Il-qanfud ukoll isofri minn din il-mentalita' destruttiva u bosta drabi meta wħud jiltaqgħu ma xi qanfud dan iktar iva milli le jispiċċa meħud mill-ambjent naturali tiegħu u meħud id-dar, fejn jekk ma jmutx, ma jkunx jista' jgħin fil-ħolqien ta' qniefed oħra.

L-osservazzjoni tal-qanfud fl-ambjent naturali tiegħu minbarra li tagħti sodisfazzjon tista' tgħin ukoll biex jinġabar aktar informazzjoni fuq id-drawwiet u l-ħajja tiegħu, ħaġa li ma tantx nafu fuqha.

ALFRED E BALDACCHINO